Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-lum, il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017

Appell numru: 6/2013

**Agnese Grech u b'nota tal-4 ta' Ottubru, 2013 Maria Lourdes Muscat assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom ta' ommha Agnese Grech stante li tghix fl-Istati Uniti**

**Vs**

**Carmel Xuereb**

**Il-Qorti;**

1. Fit-2 ta' Lulju, 2013 l-attrici harrket lill-konvenuta fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri sabiex tikkundanna lill-konvenut jirritorna Beford Perkins Truck bin-numru G-1570 u *log book* numru 047698, proprjeta' tar-rikorrenti u ghadu registrat f'isimha.

2. Il-konvenut wiegeb li l-vettura kienet *res derelicta* u meta ha l-pussess taghha kien hemm indikazzjoni li l-oggett ma jappartjeni lil hadd u kien abbandunat. Ippropona wkoll rikonvenzjoni sabiex jekk tintlaqa' t-talba tal-attrici, jithallas lura kumpens ghall-ispejjez li ghamel ghar-restawrar tal-vettura.

3. B'sentenza tad-29 ta' Novembru, 2016 il-qorti laqat it-talba tal-attrici u cahdet ir-rikonvenzjoni. Il-qorti kkonkludiet li:

   i. Ma kienx gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-attrici kienet irrinunzjat ghall-proprjeta tat-trukk, tant hu hekk li baqa' registrat f'isem Angelo Grech. Ghalkemm thalla fil-mahzen, ma kellux jitqies bhala *res derelicta*, u s-sidien tal-mahzen kienu jafu proprjeta ta' min kien it-trukk.

   ii. Il-konvenut ma kienx kredibbli ghaliex mill-inqas f'zewg istanzi jirrizulta li gideb bil-gurament. Ghalhekk ma tistax taghti piz ghal dak li xehed. Il-qorti qalet li ma temminx li l-konvenut ma kienx jaf proprjeta ta min kien

it-trukk. Inoltre wkoll jekk ma kienx jaf, seta' aghmel verifiki biex jaccerta ruhu jekk it-trukk kien gie scrapped.

iii. Mill-provi rrizulta li t-trukk hu proprjeta tal-attrici bhala werrieta ta' zewgha.

iv. Dwar ir-rikonvenzjoni, l-ispejjez li aghmel il-konvenut kienu ghaliex ried. Il-konvenut kien jaf li qieghed jaghmel xoghol fuq proprjeta ta' haddiehor.

v. B'applikazzjoni tal-artikolu 546 tal-Kodici Civili, billi l-konvenut kien in *mala fidi* fiz-zmien kollu li kien fil-pussess tat-trukk, allura ma kellux jedd jitlob kumpens ghax-xoghol u spejjez li aghmel fit-trukk.

4. Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma li:

   i. L-ewwel qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi u nterpretat il-ligi b'mod zbaljat. Il-konvenut ma kienx in mala fidi. Ma kien hemm xejn li kellu jhasseb lill-konvenut li t-trukk ma kienx abbandunat u li kien res derelicta. Min isostni l-mala fidi ghandu jipprovaha.
   ii. F'kull kaz il-konvenut ghandu jedd li jithallas il-kumpens. F'dan ir-rigward saret riferenza ghall-artikoli 550, 543, 545 tal-Kodici Civili. Il-konvenut ghandu jedd li jithallas kumpens ghall-ispejjez li ghamel. Il-valur tat-trukk qabel ir-restawr kien €3,000 u llum €12,000. B'hekk l-attrici ghamlet gwadann ta' eluf kbar ta' liri. L-attur ma hax il-pussess tat-trukk b'serq jew reat iehor.
   iii. Sar ukoll aggravju dwar l-ispejjez.

5. L-attrici wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. **<u>Fatti.</u>**

   i. Angelo Grech kien sid tat-trukk oggett tal-kawza, li kien jinsab fil-garaxx 19B, Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, Ghawdex mikri originarjament lil Salvatore Grech. Fuq il-bumper tat-trukk kien hemm in-numru tal-vettura (31570). Dan il-garaxx kien spicca fil-pussess ta' Angelo sive George Grech, wiehed mit-tfal ta' Salvatore Grech.
   ii. B'sentenza tat-23 ta' Gunju, 2004 fil-kawza **Francis sive Frank Schembri et vs Maria Muscat nomine et** (4/2002), il-Bord ikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-fond. B'sentenza tas-7 ta' Lulju, 2005 il-qorti ddikjarat li l-appell kien null ghaliex prezentata

*fuori termine*. B'hekk is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemuna, saret gudikat.

iii. Fit-22 ta' Lulju, 2005 is-sidien ipprezentaw ittra ufficjali kontra Angelo Grech fejn interpllawh sabiex jizgombra mill-fond u johrog l-oggetti li kien hemm fih u jaghti c-cwievet lis-sidien. L-att kien notifika fis-27 ta' Lulju, 2005.

iv. Fis-27 ta' Mejju, 2008 miet Angelo Grech f'Manhattan, New York, l-Amerika. B'testment tal-24 ta' Lulju, 2006 hu halla lil martu, Agnese Grech, bhala werrieta universali tieghu.

v. It-trukk spicca fil-pussess tal-konvenut li rrestawrah. Ma hallasx flus biex akkwistah. It-trukk kien f'kundizzjoni hazina (ara ritratti fl-atti tal-kawza 4/2002).

vi. Fis-7 ta' Novembru, 2011 il-konvenut applika sabiex it-trukk jigi registrat f'ismu. Pero' rrizulta li t-trukk kien registrat f'isem Angelo Grech.

vii. Fl-4 ta' Gunju, 2012 il-konvenut ghamel affidavit fejn iddikjara: *"Fis-sena 2008 kont xtrajt trukk tad-ditta Bedford minn go Scrap Yard. Meta xtrajtu ma kontx inghatajt Log Book ta' dan it-trukk. Thabbat hafna biex nipprova nakkwista l-Log Book ta' dan it-trukk imma qatt ma rnexxieli. L-engine number tieghu huwa 3167105 u c-Chassis numru huwa 34582"*.

viii. Fit-22 ta' Marzu 2013 it-trukk gie registrat f'isem l-attrici.

ix. Il-konvenut ipprova jbiegh it-trukk ghall-prezz ta' €9,000. Fil-fatt hu rreklamah ghall-bejgh fuq eBay u ddikjara li, *"We do not have documents for it because the old owner death and we never had them. So buyer has to register it in the UK by MOT garage or DVLA office"*.

7. Il-qorti qrat l-atti u rat ukoll l-atti tal-kawza **Francis sive Frank Schembri et vs Maria Muscat nomine et**, deciza minn din il-qorti fis-7 ta' Lulju, 2005.

## <u>Konsiderazzjoni.</u>

8. Il-qorti tibda billi tosserva li fil-fehma taghha hemm inkompatibbilta' bejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u r-rikonvenzjoni, in kwantu fl-eccezzjoni jsostni li t-trukk kien *res derelicta*. Dan ifisser li l-konvenut jippretendi li sar sid tat-trukk permezz tal-okkupazzjoni. Min-naha l-ohra, fir-rikonvenzjoni talab lill-qorti sabiex, *"1. Tiddikjara li huwa dovut kumpens u/jew rimbors lill-konvenut tax-xoghol kollu li sar u tal-ispejjez li nkorra ruhu fihom biex giet restawrata din il-vettura"*. Hu minnu li fir-rikonvenzjoni il-konvenut ddikjara: *"Ili kemm-il darba ipotetikament ikollha tigi milqugha t-talba tal-attrici u l-esponenti jkollu jigi kkundannat jirritorna lura l-vettura lilha, l-attrici tkun qeghda taghmel arrikkiment ingust minn fuqu billi l-esponenti inkorra ruhu fi spejjez u ghamel xoghlijiet fuq din il-vettura biex irrestawraha"*. Pero'

rikonvenzjoni ma ssirx ghal li jista' jkun tintlaqa' t-talba tal-attur, izda ghaliex il-konvenut ikollu pretensjoni kontra l-attur.

9. L-artikolu 322(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"Bla hsara ta' fejn il-ligi tghid xort'ohra, is-sid ta' haga ghandu jedd jiltobha lura minghand kull pussessur".*

10. Ghal dak li jirrigwarda l-konkluzjoni tal-ewwel qorti li t-trukk ma kienx *res derelicta*, fir-rikors tal-appell ma nghatawx ragunijiet li jistghu jwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ewwel qorti ma setghet qatt tikkonkludi li t-trukk ma kienx *res derelicta*. Hu minnu li:

- It-trukk kien f'kundizzjoni hazina hafna, u mir-ritratti hu evidenti li kien mitluq.
- Kien qieghed jinzamm go fond li l-periti teknici tal-Bord iddeskivewh, *"Il-post kien zdingat ghall-ahhar, bl-art li hija tal-konkrit, tal-parti ta' quddiem sfrundata, u b'trukk fin-nofs tal-Canada Dry, bit-tyres imnizzlin, u b'numru – it-31570 – li huwa ndikazzjoni cara li ilu l-fuq minn tal-inqas tletin sena ma johrog fit-triq"*. Qalu wkoll li fil-fond hemm *"… xena ta' abbandun u devastazzjoni….".*
- Fis-7 ta' Lulju, 2005 il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell ta' Angelo sive George Grech. Ma jirrizultax li Grech ha passi biex johrog it-trukk minn gewwa l-fond. Hu veru li Grech kien ighix l-Amerika u kien marad bil-kancer, pero hu veru wkoll li f'Ghawdex kellu familjari jghixu. Fil-fatt bintu Maria Muscat kkonfermat li kienet tidher f'isem missierha fil-kawza Schembri vs Grech.
- Maria Muscat xehdet li kien sar ftehim mas-sidien li kellhom izommulhom it-trukk fil-fond sakemm iwaqqghu l-fond. Pero' dan 'il hekk imsejjah ftehim verbali ma giex konfermat mis-sidien, u l-qorti ssibha difficli temminha meta tqies li s-sidien kellhom jaghmlu proceduri gudizzjarji sabiex jiehdu lura l-pussess tal-fond.

Pero' l-qorti tosserva wkoll li:-

- Fil-11 ta' Ottubru, 1982 Angelo Grech kien gharraf lill-Kummissarju tal-Pulizija li trukk bin-numru G-1570 (Log Book numru 047698) kien gie ggaraxxjat. Fid-dokument li hemm ezebit a fol. 26 jinghad, *"Ircevejt il-Log Book u l-pjanci msemmija hawn fuq. Received the above Log Book and number plates"*, u taht din id-dikjarazzjoni hemm il-firma tal-iskrivan. Irrizulta wkoll li t-trukk kien u baqa' registrat f'isem Angelo Grech. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti ssibha difficli tikkonkludi li s-sid abbanduna l-proprjeta jew li l-proprjeta ma kienet ta' hadd. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-konvenut sar sid tat-trukk bl-okkupazzjoni;

- Fil-kawza 4/2002 deciza mill-Bord Li Jirregola l-Kera, Angelo Grech kien xehed fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2003 u spjega li ghalkemm kien telaq minn Malta, fil-fond kien ghad hemm it-trukk u affarijiet ohra. Zied, *"Wara illi jiena sifirt, kif gja spjegajt, il-garaxx bqajt nuzah apparti ghal storage tat-trukk illi ghadu hekk hekk sal-lum, billi jiena kont inpoggi l-karozza privata tieghi"*. Kliem li juru li Grech kien ghad ghandu nteress fit-trukk li hu oggett tal-kawza.
- Hu minnu li d-difensur tal-konvenut xehed, *"…. l-imsemmi Angelo sive George Grech kien gie l-ufficcju u kien qalli li l-klijenti tieghi setghu jiehdu pussess tal-mahzen billi ma kien interessat f'xejn mill-hwejjeg li kien hemm fil-mahzen, u li setghu jisbarazzaw kollox"*. Pero' ma jirrizultax li saret skrittura f'dak is-sens u lanqas ma jirrizulta li Angelo Grech kien irritorna lura c-cwievet.

11. Ghal dak li jirrigwarda jekk il-konvenut hax il-pussess in *mala fidi* jew *bona fidi*, l-artikolu 532 tal-Kodici Civili jipprovdi:

    *"Ghandu dejjem jinghad li wiehed huwa bona fidi, u min jecepixxi l-mala fidi ghandu jippruvaha"*.

12. L-ewwel qorti qalet li ma temminx il-verzjoni tal-konvenut wara li,

    *"… inqabad diversi drabi jigdeb sfaccatament anki fil-Qorti u tqis li l-verita hi li l-konvenut kien jaf ben tajjeb li t-trakk kien proprjeta ta' haddiehor, li ghamel minn kollox sabiex jahbi l-fatt li t-trakk kien qieghed ghandu tant li lanqas kixef ismu fil-mument li baghat terzi sabiex possibilment bint l-attrici tiffirmalu ghat-transfer u li allura kwalunkwe spejjez li hua ghamel fuq it-trukk kienu unikament riskju tieghu u ta' hadd iktar.*

    *Il-Qorti tqies li l-konvenut kien in mala fidi fil-hin kollu li kien fil-pussess tat-trukk in kwistjoni b'dan li allura ma ghandu l-ebda jedd li jitlob kumpens ghal kwalunkwe zieda fil-valur fit-trukk in kwistjoni liema xoghlijiet huwa ghamel b'riskju tieghu u hadd aktar. Li kieku din il-Qorti tiddeciedi mod iehor ikun ifisser li qed taghti l-barka taghha jew ahjar tal-ligi sabiex persuni jabbuzaw forsi minn xi traskuragni ta' xi nies billi jiehdu fil-pussess taghhom oggetti li jafu li mhux taghhom u wara li jaghmlu xoghlijiet fuqhom jippretendu li jithallsu taghhom minghand is-sidien li qatt ma jkunu taw il-kunsens taghhom ghal tali xoghlijiet. Sitwazzjoni bhal din li kieku kellha tigi accettata taghti lok ghall-anomalija legali li min jabbuza allura mhux talli ma jbaghti l-ebda konsegwenzi anzi jinghata rimedju ghal hlas tal-ispejjez li jkun ghamel, kwazi kwazi jkun qex jigi kkumpensat talli abbuza ! Zgur li tali sitwazzjoni ma tistax tigi sanzjonata fil-lig u allura minn din il-Qorti"*.

13. Irrizulta li t-trukk inghata lill-konvenut minn Charles Attard, wara li l-fond fejn kien gie assenjat lill-ommu Tereza Attard u riedet tnehhieh minn hemm. Dan ma kienx kaz fejn il-konvenut qabad u minn jeddu ha l-pussess tat-trukk. Il-qorti tosserva:

- It-trukk kien antik u f'kundizzjoni hazina hafna (ara per ezempju r-ritratt a fol. 141). Il-perit tekniku Charles Zahra, mir-ritratti li ra, qal li ***"l-vettura kienet fi stat hazin hafna"***.
- It-trukk kien jinsab fil-proprjeta ta' Tereza Attard, u kien binha li ta l-pussess lill-konvenut minghajr ma talbu hlas. Minn dak li xehed Charles Attard stess, hu evidenti li l-konvenut inghata x'jifhem li t-trukk kien abbandunat.
- Il-post fejn kien jinzamm it-trukk kien fi stat ta' abbandun totali u kellu hsarat, fosthom partijiet mis-saqaf li ggarrfu. Fil-fatt minn ritratti li hemm fil-process 4/2002 hu evidenti li xorok mis-saqaf waqghu fuq il-kaxxa tal-injam li kien hemm fuq it-trukk;

Irrispettivament minn jekk il-konvenut kienx kredibbli bhala xhud, meta tqies dawn ic-cirkostanzi ma tara xejn stramb li l-konvenut fehem li sid il-vettura kien abbandunaha fil-garaxx ta' Tereza Attard. Il-qorti ssibha wkoll difficli temmen li l-konvenut kien ser iqatta' dak il-hin kollu jahdem fuq it-trukk u jaghmel dawk l-spejjez kollha, li kieku kien jaf li siddha kien ghadu nteressat fil-vettura. Ovvjament wara graw certu cirkostanzi li wasslu biex il-konvenut isir jaf li s-sid kien ghad ghandu nteress fil-vettura.

14. F'kull kaz, l-artikolu 543 Kodici Civili xorta jaghti lill-pussessur ta' *mala fidi* l-jedd li jitlob il-hlas tal-ispejjez mehtiega u dawk li huma utili. Hu biss fejn il-pussess tal-haga ikun gie mehud *"b'serq jew b'reat iehor li ma jaqax taht il-klassi tal-kontravvenzjonijiet"*, li l-pussessur m'ghandux jedd ghar-rimbors. Fl-ebda parti tas-sentenza l-qorti ma kkonkludiet li l-konvenut ha l-pussess *"b'serq jew b'reat iehor"*. Hu minnu li l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 546 tal-Kodici Civili. Pero' qalet ukoll li, ***"s-success tal-kontro-talba tal-konvenut tiddependi fuq il-kwezit jekk hu kien qed jippossjedi t-trukk in kwistjoni in buona fede"***. Imbaghad ghaddiet biex taghti r-ragunijiet li wassluha biex tikkonkludi li l-konvenut kien pussessur ta' *mala fidi*.

15. Fit-twegiba l-attrici argumentat li l-konvenut ha l-pussess b'serq. Pero' l-ewwel qorti qatt ma waslet ghal dik il-konkluzjoni.

16. Minn dak li fehmet il-qorti, is-sid trid izzomm il-miljoramenti u ghalhekk ghandha thallas lill-konvenut *"il-kost taghhom inkella jaghtih somma daqs b'kemm ikun kiber il-valur tal-haga"* (artikolu 543(4) tal-Kodici Civili). Disposizzjoni li tapplika ghall-pussessur ta' mala fidi, u li l-istess bhad-

disposizzjoni li tapplika ghall-pussessur ta' bona fidi (artikolu 542(2) tal-Kodici Civili).

17. Ghal dak li jirrigwarda l-kumpens li ghandu jithallas lill-konvenut, kumpens li skond il-ligi ghandu jithallas minkejja li s-sid ma jkunx awtorizza x-xoghol:

- Skont il-perit tekniku t-trukk qabel gie restawrat kellu valur ta' €3,000. Wara x-xoghol li sar fuq it-trukk, ghandu valur ta' bejn €10,000 u €12,000. Inoltre ghal dak li jirrigwarda l-valur tax-xoghol li sar fuq it-trukk, il-perit tekniku ta stima ta' €15,508.36. Fir-rigward ta' din ic-cifra, il-konvenut argumenta li peress li x-xoghol ta' restawr sar minnu, *"mill-ammont likwidat trid titnaqqas il-VAT cjoe'...... (€2,365.68)"*.
- Il-konvenut kien ipprova jbiegh it-trukk fuq l-ebay ghall-prezz ta' €9,000.

18. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-ispejjez li saru fuq it-trukk kienu utili, ghaliex saru ghal miljorament tal-vettura.

19. Ghal dak li hu *"somma daqs b'kemm ikun kiber il-valur tal-haga"*, il-qorti qeghda tiffissa s-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) gialadarba l-perit tekniku ta stima ta' €3,000 ghat-trukk kif kien qabel sar ix-xoghol fuqu. Il-qorti tifhem li jekk is-sid kellha taghmel aghzla, taghzel li thallas l-inqas somma bejn l-ispiza tax-xoghol u kemm kiber il-valur tal-haga. Minn dan l-ammont il-qorti ser tnaqqas *arbitrio boni viri* s-somma ta' elf ewro (€1,000)[1], valur tal-kaxxa tal-injam tat-trukk li l-attur jidher li ddispona minnha. Peress li l-istima tal-perit tekniku dwar il-kamma tal-injam li kellu t-trukk, hu sabiex tinhadem kaxxa gdida, il-qorti mhijiex tal-fehma li dik l-istima hi rilevanti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u:**

i. **Thassar dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li cahdet ir-rikonvenzjoni u minflok tichad ir-raba' eccezzjoni tal-attrici u tilqa' t-talbiet tar-rikonvenzjoni u tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) bhala kumpens. Fuq l-ammont ma jiddekorrix imghax gialadarba l-vettura ghadha fil-pussess tal-konvenut, u din is-somma ghandha tithallas lill-konvenut meta l-attrici tinghata lura l-pussess tal-vettura.**

ii. **Ghal finijiet ta' ezekuzzjoni tas-sentenza, taghti lill-konvenut sal-ahhar ta' Novembru, 2017 sabiex jaghti lura l-pussess tal-vettura Bedford Perkins Truck bin-numru G-1570 lill-attrici.**

[1] Il-qorti hi tal-fehma li meta tqis li t-trukk hu *vintage*, il-kaxxa tat-trukk m'ghandhiex biss valur sentimentali.

**iii. Spejjez tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu ghal dawk relatati mat-talba attrici a karigu tal-konvenut, u dawk relatati mar-rikonvenzjoni a karigu tal-attrici. Spejjez tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet in kwantu mhux l-aggravji kollha ntlaqghu.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur